MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 56/8

It-Tlieta 28 ta' Settembru 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef - Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

John Mary Calleja – Vici Sindku

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

056.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

056.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 53/8 (3/8/2021) 55/8 [1/9/2021]);

056.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

056.4 Approvazzjoni tal-Ittra tal-Direzzjoni *(Management Letter);*

056.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

056.6 Rapporti;

056.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress

056.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

056.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin ghaxra ta` filgħaxija (5:50pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 056.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Vici-Sindku JM Calleja talab biex jigi skuzat minhabba ragunijiet ta` mard. Dawk prezenti laghqu din it-talba.

## 056.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 53/8 (3/8/2021) 55/8 [1/9/2021]);

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 53/8 u l-minuti 55/8 nem con.

**Arising mill-Minuti**

Il-Kunsillier S Caruana staqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar is-sistema tal-parkegg ikontrollat. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li fil-jiem li gejjin kienet ser isir laqgha ma` TM dwar dan. Dwar dan is-suggett zewg prezentati zewg ittri li l-Kunsill ircieva minghand xi residenti.

Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-applikazzjoni tal-European Mobility Week jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Sindku nfurmat li sa` llum ma kienx hemm risposta minn naha ta` DLG.

056.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

056.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza relatata mall-mobile application dwar il-Gudja. Is-Sindku proponiet sabiex l-application ikun fiha mappa tal-postijiet kollha ta` nteress fil-Gudja, b`contact numbers importanti, il-hinijiet tal-ftuh tal-Kunsill, x`servizzi u korsijiet li qed jinghataw. Il-Kunsillier MA Sammut propona sabiex jkun hemm sezzjoni fejn ikunu jisghut jitellghu notifiki important u xi sezzjoni fejn wiehed jista` jirraporta ilment. Dwar dan kien hemm qbil.

056.3.2 Is-Sindku prezentat tlett kwotazzjonijiet ta` printer sabiex tinxtara ghall-librerija pubblika. Il-Kunsill approva l-irhas kwotazzjoni.

056.3.3 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand id-DLG dwar l-applikazzjoni tar-restawr ta` postijiet storici, fejn gejna nfurmati li l-ispiza kienet kbira hafna u ghalhekk il-Kunsill ma kienx elegibbli. Is-Sindku proponiet li ghal darba li jmiss, il-Kunsill japplika ghal parti mir-restawr li hemm bzonn halli l-ispiza ma tkunx gholja. Il-Kunsill qabel ukoll li ghal future japplika ghal xi restawr ta` nicec u salib ta` dejma.

056.3.4 Giet prezentata talba sabiex isiru linji sofor fi Triq P.Cagliardi. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien bghat lill-IM biex jaghmel is-sinjali kollha neccessarji ta` triq kollha.

056.3.5 Prezentata korrispondenza li giet mibughta minn TM sabiex isir reserved parking fi Triq San Ciru. Il-Kunsill ma sabx ogezzjoni ghal dan il-permess.

056.3.6 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand AKL sabiex il-Kunsill jinnomina ghaqda sabiex jinghataw xi fondi/oggetti ghal zmien il-Milied. Is-Sindku proponiet lis-Sorijiet tal-Karita. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

056.3.7 Giet prezentata l-korrispondenza u drawings ta` kif ser tigi z-zebra crossing ta` Dawret il-Gudja. Dawn ix-xoghlijiet ser isir minn TM. Dawk prezenti qabblu ma dak propost.

056.3.8 Is-Sindku prezentat il-korrispondenza li ntbghatet minn TM dwar it-traffic management li sar fi Triq il-Hofra. Il-Kunsill qabel ma` dan il-proponiment u staqsa jekk it-tarf tal-parkegg hux ser ikun kurduna jew linja bajda fl-art. Dwar dan is-Sindku talbet sabiex tigi diskussa waqt laqgha li l-Kunsill ser ikollu ma` TM. Is-Sindku ssugerriet li l-Kunsill ghandu jibghat din il-proposta lill-Kap tal-Iskola.

056.3.9 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-ilmenti li kien hemm dwar kif qed jipparkjaw il-vannijiet fejn l-iskola tas-Sorijiet fil-hinijiet ta` wara nofsinhar, fejn qed jinholoq inkonvenjent. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-Kunsill ma jisghtax jakkomodha l-vanijiet ghal ftit xhur f`sena. Is-Sur Caruana qal li ghandu jkun hemm aktar solverjanza mill-ufficjali tal-LESA.

056.3.10 Is-Sindku ghamlet referenza ghad-diversi sewwieqa li ghandhom qeghdin jghaddu one way minn Triq il-Kbira. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tigi nstallata cctv infurzata mill-LESA jew aktar ufficjali prezenti.

056.3.11 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-PA permit PA/06010/21 dwar applikazzjoni biex isiru xi xoghlijiet f`residenza fi Triq Santa Katerina. Il-permess jindika li residenza ser isir Class 2 (residential institution). Il-Kunsill qabel li jibghat lill-perit tal-Kunsill sabiex jibghat letter of representation minhabba li b`dan l-izvilupp/alterazzjoni ser ikun qed jaffettwa l-parkegg u jekk hux qieghed *in line mall-policy*.

056.3.12 Is-Sindku talbet sabiex jitnaddaf u jinqata` l-haxix taz-zona tal-Gholljiet.

056.3.13 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand AKL dwar MOU li gie ffirmat bejn l-AKL u d-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici, fejn il-Kunsill jisghtu jibbenifikaw minn diversi servizzi li dan id-Dipartiment joffri.

056.3.14 Is-Sindku ghamlet referenza ghal korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar talba biex isir laqgha ghall-anzjani biex jinghatalhom taghrif dwar is-servizzi li qed jinghataw fil-Komunita. Il-Kunsill qabel li juri l-interess tieghu u jinforma l-Arcipriet biex jintuza Centru Parrokjali.

056.3.15 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Skema ta` Fondi li l-Kunsill ircieva minghand id-DLG sabiex isir attivita tal-Milied. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li jinvolvi sehem tal-ghaqdiet tal-lokal sabiex jigi preparat program ta` attivitajiet. Is-Sindku talbet sabiex isir laqgha mall-ghaqdiet kkoncernati.

056.3.16 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien ircieva kopja tal-bye law tal-kontroll tal-hamiem minn naha ta` DLG sabiex din tigi ffimata mill-Kunsill.

056.3.17 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet minn persuna li xtaqet taghti donazzjoni ta` tlett sigriet sabiex jithawwlu fil-Gnien R.Caruana. Dawk prezenti qabblu li dawn jithawwlu fil-postijiet indikati.

056.3.18 Giet prezentata l-kwotazzjoni sabiex isir Sqaq Caghki mill-gdid. Il-kwotazzjoni tammonta gha madwar erbgha u ghoxrin elf. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jiccekja jekk jisghtax isir b`materjal iehor minflok bil-konkos. Is-Sindku talbet sabiex il-kwotazzjoni tintbghat lill-IM biex jekk huwa possibli jintervjenu huma. Dwar dan kien hemm qbil.

056.3.19 Is-Sindku talbet sabiex il-bins tal-hwejjeg fi Triq Bir Miftuh jitnehhew u jitpoggew fejn kienu fuq il-bankina tal-Gnien R.Caruana u biex l-bins ta` recycle jithalla set wiehed biss.

056.3.20 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-ghaqda Skali dwar attivita li ser itellu flimkien mas-SCH fejn stiednu lill-membri tal-Kunsill biex jattendi u fejn il-Kunsillier S Caruana gie mistieden biex jitkellem peress li huwa l-kunsillier responsabbli mill-Kultura. L-attivita ser isir fil-5 ta` Ottubru f`Bir Miftuh.

056.3.21 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-kuntratt li ser jigi ffirmat mas-Socjeta Filarmonika La Stella habba l-monument li ser isir fir-roundabout f`Dawret il-Gudja. Is-Sindku qalet li l-kuntratt ghandu jibda fis-sehh malli jkunu hargu l-approvazzjonijiet kollha mill-entitajiet ikkocernati u li kull bdil jew manutenzjoni li ssir fuq l-imsemmija round about ma taqghax taht ir-responsabilita tal-Kunsill Lokali tal-Gudja

056.3.22 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-applikazzjoni li dahlet il-Lands mis-Socjeta Filarmonika La Stella bid-dettalji mhux korretti u minghajr mall-Kunsill gie nfurmat li kienet ser tidhol l-applikazzjoni. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill kellu jkun jaf li ser tidahhal l-applikazzjoni u jikkonferma dettalji tar-rapprezentanti tal-Kunsill qabel ma tigi ssottomessa. Is-Sindku qalet li hija nfurmat lid-DLG li ntuzaw dettalji mhux korretti tal-membri tal-Kunsill minghajr l-awtorizzazjoni. Il-Kunsillier MA Sammut qal li s-Sindku seghtet iccekjat mall-perit tas-Socjeta jekk kienx huwa li ghamel l-applikazzjoni u talab sabiex s-Sindku terga` tibghat lill-DLG biex iwaqqaf il-process ta` GPDR.

056.4 **Approvazzjoni tal-Ittra tal-Direzzjoni *(Management Letter);***

Is-Sindku prezentat l-Ittra tal-Direzzjoni li din kienet diga` giet iccirukalata ghall-attenzjoni tal-kunsilliera. Dawk prezenti approvaw din l-ittra.

056.5 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Dan l-item ma giex diskuss.

057.6 **Rapporti**

Ma kienx hemm.

056.7 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li x-xoghlijiet taht l-art fi Triq Katerina u fi Triq J.Pace kwazi lesti, fejn fadal biss main tal-ilma jinqaleb ghal wiehed gdid. Is-Sindku ziedet tghid li issa kif jinghata l-konkos f`din il-parti ta` triq, tibda tinqala` parti ohra minn Triq Santa Katerina. Is-Sindku ziedet tghid li flimkien mall-perti tkellmet mar-resident li joghqod fi Triq Santa Katerina habba l-problema tal-bankina fejn l-perit spjega li kien hemm tlett soluzzjonijiet li jisghtu jsiru. Is-Sindku ziedet tghid li resident qabel ma` dak propost.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand residenta dwar xi hsarat li gew ikkawzati fit-travertine tal-faccata tar-residenza taghha. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jitkellem mall-kuntrattur u flimkien naraw x`jista` jsir. Dwar dan kien hemm qbil

Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-kuntrattur sabiex sakemm jinghata l-konkos jaghmel passagg fejn wiehed jkun jista` jghaddi minghajr periklu.

c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**

056.8 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Dan l-item ma giex diskuss.

056.9 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8.30pm). Is-Sindku talbet biex il-kontinwazzjoni tal-Laqgħa nru 56 isir nhar it-Tlieta 5 ta` Ottubru 2021 fil-5.30pm fuq l-istess aġenda.

Konfermati, illum ____________________________

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv